# FOND TA' KOEŻJONI

Il-Fond ta' Koeżjoni, li twaqqaf fl-1994, jipprovdi finanzjament lil proġetti marbuta mal-qasam tal-ambjent u tan-netwerks trans-Ewropej fl-Istati Membri li għandhom introjtu nazzjonali gross per capita ta' inqas minn 90 % tal-medja tal-UE.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 177 (b'mod partikolari t-tieni paragrafu tiegħu) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

## L-OBJETTIVI

Il-Fond ta' Koeżjoni twaqqaf bl-għan li jsaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni Ewropea sabiex issir promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli. Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 il-Fond jipprovdi appoġġ:

— għall-investiment fl-ambjent, inklużi l-oqsma relatati mal-iżvilupp sostenibbli u l-enerġija li jippreżentaw benefiċċji ambjentali;

— għan-netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport (TEN-T);

— għall-assistenza teknika;

Fil-kuntest tal-proġetti li jaqdu l-objettivi tal-protezzjoni ambjentali tal-UE, il-Fond ta' Koeżjoni jista' jikkontribwixxi wkoll fl-oqsma marbuta mal-iżvilupp sostenibbli, pereżempju l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-enerġija rinnovabbli u, fis-settur tat-trasport, apparti dak tan-netwerks trans-Ewropej, it-trasport ferrovjarju, it-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni, it-trasport marittimu, is-sistemi tat-trasport intermodali u l-interoperabilità tagħhom, il-ġestjoni tat-traffiku fit-toroq, kemm dak marittimu kif ukoll fl-ajru, il-mezzi tat-trasport urban indaf u t-trasport pubbliku.

Sa mill-2014, il-Fond ta' Koeżjoni, permezz ta' EUR 11,3 biljun, beda jappoġġja proġetti tal-infrastruttura tat-trasport b'valur miżjud Ewropew taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa l-ġdida (FNE)[1].

## IL-PAJJIŻI ELEĠIBBLI

Il-Fond ta' Koeżjoni huwa riżervat għal Stati Membri li għandhom introjtu nazzjonali gross (ING) per capita ta' inqas minn 90 % tal-medja tal-UE. Fil-perjodu ta'

[1]Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010.

programmazzjoni 2014-2020, il-Fond ta' Koeżjoni qed jipprovdi finanzjament lil 15-il Stat Membru: il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Greċja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja u s-Slovenja.

## IR-REGOLI BAĠITARJI U FINANZJARJI

Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, l-UE qiegħda talloka madwar EUR 63,4 biljun lill-Fond ta' Koeżjoni (minbarra trasferimenti għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa), u l-livell ta' finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni għal proġett jista' jilħaq 85 % tal-kost tiegħu.

L-allokazzjonijiet tal-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu 2014-2020 għal kull Stat Membru huma kif ġej:

| Stat Membru | Baġit (f'miljuni ta' EUR) |
|---|---|
| Il-Bulgarija | 2 278.3 |
| Iċ-Ċekja | 6 258.9 |
| L-Estonja | 1 073.3 |
| Il-Greċja | 3 240.5 |
| Il-Kroazja | 2 559.5 |
| Ċipru | 288.9* |
| Il-Latvja | 1 349.4 |
| Il-Litwanja | 2 048.9 |
| L-Ungerija | 6 025.4 |
| Malta | 217.7 |
| Il-Polonja | 23 207.9 |
| Il-Portugall | 2 861.7 |
| Ir-Rumanija | 6 934.9 |
| Is-Slovenja | 895.3 |
| Is-Slovakkja | 4 168.2 |
| Totali | 63 390 |

** Inkluż l-ammont addizzjonali ta' EUR 19,4 miljun allokati lil Ċipru u li jirriżultaw mir-rieżami ta' eliġibbiltà għall-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu 2017-2020*

*Sors: Portal tad-Data Miftuħa tal-FSIE tal-Kummissjoni Ewropea, April 2017*

## PROPOSTA GĦAL POLITIKA TA' KOEŻJONI TAL-UE GĦAL WARA L-2020

F'Mejju 2018, il-Kummissjoni ppubblikat il-proposti tagħha għar-regolamentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni tal-UE wara l-2020. Dawn jinkludu regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u dwar il-Fond ta' Koeżjoni. Il-Fond ta' Koeżjoni se jkompli jappoġġja proġetti fl-ambitu tal-għan ta' "Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi".

Din il-proposta żżomm konċentrazzjoni tematika. Il-Fond ta' Koeżjoni se jappoġġja żewġ għanijiet speċifiċi: ekonomija aktar ekoloġika, b'livell baxx ta' emissjonijiet ta'

karbonju u ċirkolari (l-Objettiv tal-Politika (PO) 2); u Ewropa aktar konnessa (PO3). Il-Kummissjoni pproponiet lista ta' attivitajiet li ma għandhomx jiġu appoġġjati mill-FEŻR u mill-Fond ta' Koeżjoni, inkluż appoġġ dirett għal intrapriżi kbar, infrastrutturi tal-ajruporti (minbarra fir-reġjuni ultraperiferiċi) u xi operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-iskart (pereżempju, miżbliet).

Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, l-allokazzjoni proposta għall-Fond ta' Koeżjoni hija ta' EUR 41,3 biljun, li minnhom il-kontribuzzjoni għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa tkun ta' EUR 10 biljun. Il-Fond ta' Koeżjoni ta' wara l-2020 se jiffinanzja proġetti fl-istess 15-il Stat Membru bħal fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

Il-proposta tal-Kummissjoni hija soġġetta għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja, fejn il-Parlament ikun fuq l-istess livell tal-Kunsill. Dan ifisser li qabel tmiem l-2020, dawn iż-żewġ istituzzjonijiet se jkollhom jilħqu kunsens dwar ir-regoli futuri għall-Fond ta' Koeżjoni. F'Marzu 2019, il-Parlament ikkonkluda l-ewwel qari tiegħu.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Ir-Regolament għall-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu 2014-2020 kien soġġett għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja, u l-Parlament kellu drittijiet sħaħ li jipproponi emendi. Dan ippermetta lill-Parlament iżid il-flessibilità tar-regoli proposti u jadattahom aħjar għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri; irnexxielu wkoll iwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni b'rabta mal-investimenti biex jinkludi investimenti fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u fl-użu tal-enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari fis-settur immobiljari.

Il-Parlament appoġġja l-idea li jiġu introdotti indikaturi komuni għall-Fond ta' Koeżjoni, fattur li se jiffaċilita l-valutazzjonijiet futuri tal-użu tiegħu. Kuntrarjament għall-proposta tal-Kummissjoni, il-Parlament insista b'suċċess li r-regolament għandu jinkludi l-possibilità li jiġi emendat l-elenku ta' dawn l-indikaturi, permezz ta' atti delegati, meta jitqies neċessarju li jsiru aġġustamenti biex tiġi żgurata valutazzjoni tal-progress fl-implimentazzjoni.

Wara r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020, li kien akkumpanjat minn pakkett ta' proposti leġiżlattivi, ma saru l-ebda bidliet sostanzjali għall-Fond ta' Koeżjoni.

Filipa Azevedo / Marek Kołodziejski
04/2019